**Kunsill Lokali - Il-Fgura**

# Rapport Amministrattiv
# Sena 2017

Il-Werrej


1.0 Il-Kunsill……………………………………………………………2
1.1 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill………………………….. 2
1.2 Il-Ħidma tal-Kunsill.......................................................................2
2.0 Ilmenti u Suġġerimenti ……………………………………………3
2.1 Kuntatt …………………………………………………..........................3
2.2 Laqgħat…………………………………………………………………..3
2.3 Xogħol ieħor……………………………………………………………..3
2.4 Jum il-Fgura……………………………………………………………..4
2.5 Xogħlijiet Infrastrutturali..........…………….......………………......4
2.6 Attivitajiet..............................................................................................5
2.7 Iċ-Ċentru Ċiviku...................................................................................5
2.8 Adventure Park…………………………………………………………5
2.9 RISE…………………………………………………………………...…5
3.0 Kunsill Lokali Żgħażagħ...................................................................5
3.1 Live – Streaming……………………………………………………….5
3.2 Finanzi……………………………………………………………………6
4.0 Konkluzjoni……………………………………………………………….6
ANNESS 1 – Rapport Finanzjarju għas-sena 2017….................................7

## 1.0 Il-Kunsill

Il-Kunsill Lokali tal-Fgura, raħal b'popolazzjoni ta' madwar **13,000** huwa magħmul minn disa' kunsillieri eletti. L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, kienet immexxija mis-Segretarju Eżekuttiv bl-assistenza ta' ħames impjegati skrivani fix-xogħol tal-Uffiċċju.

Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill jaħtar Kumitati/Sotto Kumitati, bil-għan li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjani tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbiltajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali. Il-Kumitat tal-Finanzi, u s-Sotto Kumitati għall-Immaniġġjar u s-Senjalazzjoni tat-traffiku flimkien ma' dak tal-Uffiċċji Amministrattivi, jitlaqqgħu perjodikament għal dan l-iskop.

Il-Kunsill elett matul din il-leġiżlatura beda jopera b'effett mill-1 ta' April, 2013. Din il-leġiżlatura hija ppjanata li jkollha terminu ta' sitt snin, jiġifieri sas-sena 2019, bħala parti minn proċess li se jġib it-terminu ta' leġiżlatura, dak ta' ħames snin għal kull Kunsill Lokali.

### 1.1 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill.

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2017 nżammu 15-il laqgħa li tlieta minnhom kienu b'urġenza. L-attendenza kienet hekk kif murija fit-tabella t'hawn taħt.

# Tabella tal-attendenza tal-Kunsillieri

L-attendenza tal-Kunsillieri matul is-sena 2017

| Kunsillieri | Laqgħat | Preżenti | Skuzat/a | Assenti | % ** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Is-Sindku Byron Camilleri** (sal-laqgħa tal-Kunsill ta' 23/5/17) | 6 | 6 | 0 | 0 | 100% |
| **Il-Viċi Sindku Pierre Dalli** (sal-laqgħa tal-Kunsill tas-16/6/17) | 7 | 7 | 0 | 0 | 100% |
| **Is-Sindku Pierre Dalli** (mill-laqgħa tal-Kunsill 20/6/17) | 8 | 8 | 0 | 0 | 100% |
| **Il-kunsillier/ Viċi Sindku Ray Deguara** (minn 20/6/17) | 15 | 15 | 0 | 0 | 100% |
| **Il-Kunsillier Charles Bonello** | 15 | 13 | 2 | 0 | 86% |
| **Il-Kunsilliera Ryan Ellul** | 15 | 9 | 5 | 1 | 60% |
| **Il-Kunsillier Mark Lombardo** | 15 | 14 | 1 | 0 | 93% |
| **Il-Kunsillier Jesmond Zammit** | 15 | 10 | 5 | 0 | 66% |
| **Il-Kunsillier Rene Zammit** | 15 | 9 | 6 | 0 | 60% |
| **Il-Kunsillier Saviour Camilleri** | 15 | 14 | 1 | 0 | 93% |
| **Il-Kunsillier Mario Fava** (minn Awwissu 2017) | 6 | 4 | 2 | 0 | 66% |

** Persentaġġ maħdum fuq il-preżenti biss

### 1.2 Il-Ħidma tal-Kunsill

Fis-sena 2017 Dr Byron Camilleri rrizenja minn Sindku. Kellna l-ħatra ta' Sindku u viċi -Sindku ġodda. Is-Sur Pierre Dalli inħatar bħala Sindku u s-Sur Ray Deguara bħala viċi- Sindku. Dawn ħadu l-ġurament fis-16 ta' Gunju 2017.

Fis-sena 2017 is-Sur Mario Fava ġie co-opted Kunsillier fil-Kunsill Lokali il-Fgura u ħa l-ġurament nhar it-22 t'Awwissu 2017.

Matul is-sena kalendarja 2017 saru **15-il laqgħa tal-Kunsill**,li jinkludu **tlett** laqgħat li saru b'urġenza. Matul dawn il-laqgħat ġew imressqa **291mozzjoni**.

Intbagħtu mat-**13,152 ittra** u korrispondenza oħra, filwaqt li ġew iproċessati mal-**2911 permessi** dwar xogħlijiet varji fil-lokal. Il-permessi kienu jinkludu dawk relatati ma' krejnijiet, *scaffoldings*, attivitajiet, tqegħid ta' skips u tħaffir ta' toroq. Kwalunkwe' ċittadin għandu l-faċilita' li jiġbor diversi applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

## 2.0 Ilmenti u Suġġerimenti

Matul is-sena 2017, il-Kunsill irċieva **1205 Ilment u 42 Suġġeriment**. 97.94% tal-ilmenti ġew magħluqa, filwaqt li 2.075% baqgħu ma ġewx solvuti sal-aħħar tas-sena 2017. Dawn il-figuri jixhdu li l-Kunsill jirreġistra bir-reqqa kull ilment li jasallu, għalkemm ikun selettiv fir-reġistrazzjoni ta' ilmenti anonimi. Din is-sistema tgħin lill-Kunsill biex ikun iktar kontabbli fir-rigward tar-residenti u fl-istess waqt ikun jista' jżomm kontroll tal-ilmenti li jkunu għadhom pendenti.

Il-parti l-kbira tal-ilmenti ġew magħluqa permezz ta' xogħol imwettaq minn ħaddiema tal-RSSL – Resource Support and Services Ltd u mill-ħaddiema tad-District Operations. Din it-tabella turi dawn il-figuri msemmija fir-rigward tal-ilmenti u s-suġġerimenti għas-sena 2017.

| | **Ilmenti** | Persentaġġ | **Suġġerimenti** | Persentaġġ | |
|---|---|---|---|---|---|
| Magħluqa | 1180 | 97.94% | 39 | 92.8% | Magħluqa |
| Pendenti | 25 | 2.075% | 3 | 7.14% | Pendenti |
| Total | 1205 | 100% | 42 | 100% | Total |

Kellna **7** applikazzjonijet għall-bożoż ġodda u **3** biex imexxu bożża minn post għal ieħor.

### 2.1 Kuntatt

(a) Bil-għan li jinżamm kuntatt mar-residenti, l-Kunsill ippubblika ħarġa tal-fuljett intitolat 'Mill-Kunsill'. Permezz ta' dan, il-Kunsill provda informazzjoni dwar il-ħatra ta' Sindku u viċi-Sindku ġodda u kunsillier ġdid, dwar id-dikasteri u l-karigi l-ġodda li ingħataw il-kunsilliera, dwar il-Proġett Kapitali, il-Finishing taċ-Ċentru Ċiviku li jinsab fi Triq Hompesch il-Fgura, fuq il-ħidma komunitarja mwettqa mill-fondazzjoni RISE u fuq bosta xogħlijiet li saru f'diversi toroq imwettqa mill-dan l-istess Kunsill. F' dan l-istess publikazzjonijiet għaddejna wkoll informazzjoni dwar il-ħidma mwettqa mill-NGOs tal-lokalita'.

(b) Il-Kunsill Lokali ġie nkarigat li jidentifika blokok tal-Gvern li għandhom bżonn ta' manetuzzjoni. Dan ix-xogħol ta' se jitwettaq mill-Awtorita' tal-Ipjannar.

(c) Saret konsultazzjoni pubblika mar-residenti dwar l-immaniġjar tat-traffiku li joqgħodu f'dawn it-toroq; R. Carapecchia, S.Savona, il-Kampanella, il-Paroċċa, in-Niġem,is-Sur u l-Karmelitani.

(d) Il-Kuntatt mar-residenti kompla jinżamm ħaj permezz ta' **tlett ħarġiet** li saru bi skop kulturali, rikreattiv jew edukattiv, hekk kif deskritt fil-lista segwenti:

18/08/2017 - Dawra mal-Portijiet

19/04/2017 - San Anton - Kitchen Garden

15/05/2017 - Żajra fil-mużew tal-Arkejoloġija u s-Sejf ta' La Vallette

12/12/2017- Ġurnata Għawdex għal żmien il-Milied

### 2.2 Laqgħat

Saru tal-anqas **155** laqgħa li organizza l-Kunsill jew kien parteċipi fihom. Dawn kienu jinkludu laqgħat; tas-Sindki u l-Viċi Sindki; ma' l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali; ma' Transport Malta; Ansek; Board Room tat-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar; Arts Council Malta; Rise Foundation; Housing Authority; Sports Malta; FSWS; Projects House; Meusac; Laqgħat Reġjonali – Reġjun Xlokk, mal-Greenpak u Nexos, mal-Perit, l-Inġiniera u l-Accountant tal-Kunsill, ma' Bava Holdings Ltd u t-team kollu ta' min qiegħed jaħdem fuq iċ-Ċentru Ċiviku, mal-kapijiet tal-Iskola Primarja A u B, mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, ma' diversi kuntratturi u kif ukoll ma' diversi Segretarji Parlamentari u entitajiet oħra.

### 2.3 Xogħol ieħor imwettaq mill-Kunsill

(a) Ġewwa l-*Clubhouse* fi Pjazza Patri Redent Gauci, kull nhar ta' Ħamis, baqgħet tingħata l-faċilita' ta' *Free Help Outlet* fejn ħwejjeġ li jkunu għadhom tajbin jingħataw b'xejn minn donaturi, u dawk li jkollhom bżonn il-ħwejjeġ ikunu jistgħu jagħżlu minnhom u jieħduhom b'xejn. Din l-ideja ħadmet u l-konkorrenza hija tajba kemm minn dawk li joffru l-ħwejjeġ u anke minn dawk li jiksbuhom.

(b) Kors tal-kompjuter – Kors tar-Robotica mat-TCTC ghat-tfal bejn il-5 u 12 –il sena. Dawn saru bejn Lulju u Settembru 2017 fil-post tal-Kunsill, 66, Triq il-Karmnu Fgura.

(c) Zumba u Aerobic courses li saru darbtejn fil-ġimgħa (It-Tlieta u l-Ġimgħa) esklusivament b'xejn għar-residenti tal-Fgura. Dawn saru fis-sala tal-iskola, u kienu organizzati u mħallsa mill-kunsill Lokali.

(d) Intlaqgħu **4020** talba mir-residenti biex jinġabar Skart Goff (**Bulky Refuse**) minn wara l-bibien tad-djar residenzjali.

(e) Kien hemm **766** residenti li ħadu l-**vaċċin tal-influenza**.

(f) Kien hemm **13,181** ta' self ta' kotba mill-Librerija Pubblika.

(g) Qed jingħataw korsijiet għat-tfal fl-ex tribunal SEHER L-ISTEJJER għal tfal minn 4 sa 7 snin fejn dawn isiru darbtejn kull nhar ta' Erbgħa.

(h) Fil-clubhouse qed isiru lezzjonijiet tal-crafts minn nisa tad-djar.

(i) Sar xogħol ta' tikħil u żebgħa fil-Club House. Inxtara sink, cupboard u purtieri ġodda fost affarijiet oħra.

(j) Il- Kunsill għen ukoll fil-**formazzjoni edukattiva** tal-istudenti bil-għan li jesperjenzaw u jitgħallmu dwar il-ħidma tal-Kunsill. Studenta tal-Junior College ħadmet magħna direttament fil-kunsill u student ieħor mill-MCAST ħadem fuq attivitajiet sportivi għar-residenti tal-Fgura.

(k) Is-Sindku attenda għal Coin Carpet Challenge li saret fl-iskola Primarja tal-Fgura.

(l) Kellna tlett Press Conferences tnejn rigward iċ-Ċentru Ċiviku u oħra fuq il-proġett tal-Fgura Adventure Park.

### 2.4 Jum il-Fgura

Fis-sena 2017, Jum il-Fgura kien mifrux fuq jumejn. Nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ottubru, 2017, ittella' kunċert mill-Għaqda Muzikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura. Waqt din l-attivita' ngħata 'Ġieħ il-Fgura' lill-Ex Kappillan tal-Fgura Fr. Renald Lofreda O. Carm filwaqt li s-Sur Noel Mercieca, is-Sur Ben Plumpton u s-Sur Adrian ngħataw l-onorifiċenza ta' 'Ħajr il-Fgura'. Ingħata ukoll rikonoxximent lil Ex Sindku tal-Fgura Dr. Byron Camilleri.

Nhar il-Ħadd 29 ta' Ottubru, 2017, sar korteo bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet tal-Fgura, minn Triq Hompesch lejn il-Knisja Parrokkjali fejn ġiet iċċelebrata l-quddiesa. Wara sar korteo lejn Pjazza Reggie Miller fejn giet imtella' il-bandiera tal-lokalita'. Il-kor '*Flower of Carmel* ' ta' sehemu wkoll f'din iċ-ċerimonja.

### 2.5 Xogħlijiet Infrastrutturali

Saru bosta xogħlijiet infrastrutturali fil-lokalita'tagħna.

(a) **Dimbros Ltd - Maintenance footpaths and pavements**
Quddiem Blk A1, A2, A3, A4 fi Triq MB Consilii
Triq Giacomo Matteotti
Triq E Camilleri
Triq is-26 ta' Marzu 1972
Triq il-Pluviera
Triq Kent
Kurduna tar- Roundabout ta' ħdejn it-Tip Top

(b) **Patching minn Schembri Infrastructures Ltd**
Triq MB Consilii
Triq is-26 ta' Marzu 1972
Triq Kent (li tmiss ma' Triq is-26 ta' Marzu,1972)
Triq Merħba

(c) **Patching u Kostruzzjoni**
Triq il-Malvizz

(d) **Asfaltar Ltd saru żewġ toroq u xogħol mill-WSC**
Triq Kent

- Triq San Gwann

(e) Xogħol fuq kulvert fi Triq il-Karmnu.

**2.6 Attivitajiet**

**(a) Karnival 2017**

Nhar il-Ġimgħa 24 ta' Frar 2017 giet organizzata attivita' Karnivaleska f'parti minn Vjal il-Kottoner u f'Wesgħa Kunsill tal-Ewropa, fejn attendew bosta skejjel taz-zfin.

**(b) Car Free Day 2017**

Bl-għajnuna finanzjarja tal-MEPA, il-Kunsill organizza attivita' għall-'Car Free Day', nhar il-Ħamis 21 ta' Settembru 2017. F'dan il-jum Triq Hompesch bejn Triq is-Sur u Triq il-Foss, ingħalqet għat-traffiku u ġew prattikati bosta attivitajiet sportivi.

**(c) Milied**

Bħal kull sena dawn id-dekorazzjonijiet tal-Milied intlaqgħu b'mod tajjeb mill-kommunita' tal-Fgura għax issebbħu t-toroq tal-Fgura. Is-siġra tal-Milied bi struttura tal-ħadid ġiet armatha fir-*roundabout* ta' Wesgħa Kunsill tal-Ewropa. Din is-siġra hija għolja 14.12-il metru, b'bażi forma ta' skorfina li ġġib dijametru ta' 7.92 metri.

Il-Kunsill b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Festa Esterna kompla jżid dan l-armar permezz ta' presepju tal-injam u kif ukoll messaġġ t'awgurju, fejn dawn it-tnejn tal-aħħar tqegħdu fi triq Hompesch. Dawn it-tiżjin tal-Milied żejnu t-toroq tal-Fgura għal xahar sħiħ bejn is-6 ta' Diċembru 2017 u s-6 ta' Jannar 2018.

**2.7 Iċ-Ċentru Ċiviku**

Ta' priorita' kbira għal Kunsill huwa l-Progett Kapitali taċ-Ċentru Ċiviku. Ix-xogħol ta' finishings fuq iċ-Ċentru Ċiviku inbeda f' Settembru, 2017. Dan il-proġett huwa kkunsidrat ta' wieħed '*State of the Art'* fejn il-Fgurin ser ikollhom post attrezatt b'kollox f' kumdita kbira li tixraqilhom. Minn dan il-post ser jingħataw bosta servizzi; ta min isemmi li fosthom ser ikun hemm l-ufficcini tal-Kunsill Lokali. Magħna ser jingħaqdu l-Fondazzjont tas-servizzi socjali (FSWS). Fl-istess Centru hemm sala kbira fejn ikun jistghu jigu organizzati konfernzi u bosta attvitijiet varji.

**2.8 Adventure Park**

Aħna bħala Kunsill Lokali flimkien ma' Sport Malta s-sottomejna l-Pjanti lill- Awtorita' tal-ippjanar biex jibda x-xogħol fuq dan il-proġett. F'dan l-Adventure Park hu maħsub li ser ikun hemm areas fejn wieħed jagħmel picnic, walking tracks, grawnd, dog park u area oħra fejn NGOs ikunu jistgħu jorganizzaw l-attivitajiet tagħhom.

**2.9 Fondazzjoni RISE**

L-għan ewlieni tal-Fondazzjoni RISE hi li taħdem ma' individwi li bħalissa qed jiskontaw sentenza fil-Faċilita' Korettiva ta' Kordin fejn gradwalment jintergrawhom ruħhom lura fis-soċjeta permezz ta' programm ta' rijabilitazzjoni intensiv. Bħala Kunsill Lokali kellna l-opportunita' li nigwadanjaw minn dan is-servizz tar-Rise fejn dan l-individwi wettqu 20 siegħa ta' xogħol komunitarju fil-lokalita tagħna.

**3.0 Kunsill Lokali Żgħażagħ u Premju Żagħżugħ tas-Sena**

Wara l-ħidma tiegħu u anke Sindku taż-żgħażagħ fil-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ, il-Kunsill Lokali ħass li kellu jinnomina lil Ryan Attard għal Premju Żagħżugħ tas-sena organizzat mill-Moviment Kerygma.

**3.1 Live Streaming**

Il-Kunsill baqa' jxandar il-laqgħat tiegħu permezz tal-internet. Ix-xandir tal-Laqgħat tal-Kunsill huwa aċċessibbli permezz ta' dawn il-*links*:

- http://fguracam1.click2stream.com/
- http://fguracam2.click2stream.com/

### 3.2 Finanzi

Ir-rapport finanzjarju għas-sena 2017 jinsab anness ma' dan ir-rapport bħala ANNESS 1. Hawn taħt wieħed għandu jsib tabella li tikkompara d-dħul u l-infiq għas-snin 2016 u 2017.

| | Perċentwali Total 2017 | SENA 2017 | Żieda jew Tnaqqis fuq is-sena ta' qabel | Perċentwali Total 2016 | SENA 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| | % | € | € | % | € |
| **Dħul** | | | | | |
| Mill-Gvern | 82 | 594,484 | 48,034 | 82.34 | 546,450 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | 3 | 21,854 | 12,268 | 1.44 | 9,586 |
| Dħul Supplimentari | 6 | 46,556 | -7,032 | 8.07 | 53,588 |
| Grants Released | 2 | 16,597 | -1,778 | 2.77 | 18,375 |
| Minn Bye Laws | 4 | 25,804 | 6,075 | 2.97 | 19,729 |
| Mis-sistema ta' infurzar legali | 2 | 15,375 | 4,747 | 1.60 | 10,628 |
| Ġenerali | 1 | 2,559 | -2,740 | 0.81 | 5,299 |
| **Total** | 100 | **723,229** | 59,574 | 100 | 663,655 |
| **Infiq** | | | | | |
| Is-Salarji | 22 | 139,860 | 7,361 | 23.89 | 132,499 |
| Manutenzjoni u Xogħolijiet | 11 | 73,526 | 43,090 | 5.49 | 30,436 |
| Servizzi Kuntrattwali | 34 | 220,139 | 11,656 | 37.58 | 208.483 |
| Amministrazzjoni u Spejjeż oħra | 33 | 207,594 | 24,246 | 33.04 | 183,348 |
| Dħul u Spejjeż oħra | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Total** | 100 | **641,119** | 86,353 | 100 | 554, 766 |
| **Surplus** | | **82,110** | **-26,779** | | **108,889** |

### 4.0 Konklużjoni

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsilliera, lill-impjegati u lill-ħaddiema tal-Kunsill, tal-kollaborazzjoni tagħhom. Dan ix-xogħol kien maħsub, ppjanat u mwettaq mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni u l-ħidma ta' kulħadd.

IFFIRMATA

Beverly Saliba
Segretarju Eżekuttiv

**ANNESS 1** – Rapport Finanzjarju għas-sena 2017